MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2393/2004

**Madis Hotels Limited (C 18648)**
**Vs**
**Michael Gauci Maistre (I.D. Nru: 331575M) u Neil Yeomans (I.D. Nru: 270275M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-22 ta' Diċembru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' Lm 1,318.68 (elf, tliet mija u tmintax-il lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmu) rappreżentanti imgħax legali dovut wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Is-soċjeta' attriċi titlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna l-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, tliet mija u tmintax-il lira Maltin u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm 1,318.68) rappreżentanti imgħax legali dovut wara

sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet "Madis Hotels Ltd vs Michael Gauci Maistre et" (Ċit. Nru. 2573/97 GC) hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposti fejn ingħad illi:-

Il-konvenut Michael Gauci Maistre jeċċepixxi:

1. L-imkompetenza ta' dan it-Tribunal f'din il-materja.
2. L-infondatezza tat-talba attriċi li għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Il-konvenut Neil Yeomans jeċċepixxi:

It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi u dan stante:

a) Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' attriċi trid tipprova li hija stitwiet il-kawża odjerna u mhux terz (John Zarb) li istitwixxa l-kawża għan-nom tagħha mingħajr il-kunsens u awtorizzazzjoni expressa tal-bord tad-diretturi tagħha.
b) Illi fil-mertu, fejn it-talba tkopri l-perjodu mit-8 ta' Novembru, 1996 sad-data tal-pagament effettiv tad-danni attriċi fis-27 ta' Jannar, 2004, din hija 'res judicata' stante li minkejja rikjesta espressa ta' kundanna ta' imgħax kontenuta wara t-talbiet attriċi fiċ-ċitazzjoni 2573/1997GC, il-Qorti ma kkundannatx lill-konvenut għall-ħlas ta' l-istess imgħax;
c) Illi fil-mertu wkoll, fejn it-talba tkopri l-perjodu wara s-27 ta' Jannar, 2004, isegwi li ma hemm assolutament ebda obbligu ta' ħlas da parti tal-konvenut.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din l-azzjoni hija azzjoni ġjudizjarja sussegwenti għal sentenza mogħtija bejn il-partijiet fit-22 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet "Madis Hotels Limited vs Michael Gauci Maistre et nomine" (Ċitaz Nru 2573/97 Prim'Awla GC).

F'dik is-sentenza t-talbiet attriċi ġew milqugħa limitatament għas-somma ta' elfejn u tlett mitt lira (Lm 2,300) pero` ma ingħatat l-ebda pronunzjament fuq l-interessi o meno allura s-soċjeta` attriċi bil-preżenti proċeduri qed tirreklama l-istess interessi.

Illi jingħad illi dan it-Tribunal mhux xi forum b'xi lok ta' appell minn dik is-sentenza pero` huwa ovvju li dan kien lapsus kalami u in vista ta' obbligazzjoni kummerċjali l-interessi jkunu dovuti.

Dawn l-interessi anki in linea ta' ekwita għandhom jiddekorru mid-data ta' l-ewwel sentenza u ċjoe' mill-28 ta' Novembru 2003. Dawn l-interessi jammontaw għal tletin xahar u huma jammontaw għal erba' mija u disgħa u ħamsin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 459.99).

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attriċi in parti u jilqa' l-eċċezzjoni konvenuta in parti, u jikkundanna għaldaqstant lill-konvenuti iħallsu in solidum lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' erbgħa mija u disgħa u ħamsin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 459.99). In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------